# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 85/20 MCH**

***eHealth Limited***

***v.***

**Sergio Giglio, Bruno Giglio,**
***S.S. Giovanni e Paolo S.r.l.*, *Permira Advisers Holdings Ltd*, *Permira Advisers LLP*, *Pantheon Holdco Ltd* (illum *Althea Group SpA*) u *Permira Associati SpA***

**Rikors numru 85/2020 fl-atti tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1704/2019**

***eHealth Limited***

***v.***

***Permira Advisers Holdings Ltd*, *Permira Advisers LLP*, *Althea Group SpA* u *Permira Associati SpA***

1. Dan huwa appell ta' *eHealth Limited* ["l-appellanti"] minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Frar 2020 li laqa' talba ta'

*Permira Advisers Holdings Ltd*, *Permira Advisers LLP*, *Pantheon Holdco Ltd*, *Althea Group SpA* u *Permira Associati SpA* ["l-intimati"] biex jitħassar mandat kawtelatorju ta' qbid maħruġ fuq talba tar-rikorrenti kontra l-intimati. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Ir-rikorrenti fetħet kawża għal danni kontra l-intimati u oħrajn[1] u, biex tikkawtela dak pretiż minnha, kisbet il-ħruġ tal-mandat ta' qbid fuq imsemmi, b'dan li l-esekuzzjoni kellha tkun fuq ishma tas-soċjetajiet intimati, li lkoll huma soċjetajiet barranin, tnejn minnhom reġistrati fir-Renju Unit u tnejn oħra fl-Italja. B'rikors tas-27 ta' Jannar 2020 l-intimati talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tħassar il-mandat (i) għax il-qorti ma kellhiex "kompetenza territorjali" biex tordna l-qbid ta' beni li ma humiex fil-ġurisdizzjoni tagħha, u, taħt l-art. 836(1)(*b*) u (*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, (ii) għax il-beni maqbuda bil-mandat ma humiex tal-intimati, *i.e.* dawk li kontra tagħhom ir-rikorrenti tippretendi kreditu, u (iii) għax il-kreditu pretiż ma huwiex ġustifikat.

3. Bil-provvediment tal-24 ta' Frar 2020 li minnu sar dan l-appell Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqgħet it-talba għat-tħassir tal-mandat fuq il-premessa ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għal din id-deċiżjoni:

> »Is-soċjetajiet lanjanti qed jissottomettu illi dan il-mandat hu null għax din il-qorti ma kinitx munita bil-kompetenza neċessarja li toħroġ il-mandat fl-assenza ta' ġurisdizzjoni territorjali fuq l-oġġetti mertu tal-mandat.
>
> »Is-soċjeta *eHealth* ma taqbilx ma' dan l-argument u tqis li r-*recital* fil-paragrafu 33 tar-Regolament 1215/2012 jagħti dan id-dritt. Ir-*recital* jgħid hekk:

---

[1] Rikors maħluf numru 351/2017 fl-ismijiet *e-Health Ltd v* Sergio Giglio *et*.

»"Where provisional, including protective, measures are ordered by a court having jurisdiction as to the substance of the matter, their free circulation should be ensured under this Regulation. … … … Where provisional, including protective, measures are ordered by a court of a Member State not having jurisdiction as to the substance of the matter, the effect of such measures should be confined, under this Regulation, to the territory of that Member State."

»Din il-qorti hi tal-fehma illi l-artikolu 35 tar-Regolament 1215/2012 jagħti l-kejl tal-limitazzjoni tal-applikazzjoni territorjali ta' miżuri provviżorji. Dan l-artikolu jagħti s-setgħa li jinħarġu miżuri provviżorji fi stat membru anki jekk dak l-istat membru ma għandux ġurisdizzjoni fuq is-sustanza tal-azzjoni. Il-prinċipju ovvju li r-regolament ma għandux għaliex ifissru hu li stat membru li għandu ġurisdizzjoni fuq is-sustanza ta' azzjoni jista' joħroġ miżuri provviżorji in konnessjoni mal-istess azzjoni skont ir-regoli nazzjonali. Dan però ma jfissirx, kif donnu tippretendi *eHealth*, li din il-qorti għandha ġurisdizzjoni fuq proprjetà ta' parti f'ġurisidzzjoni oħra peress li ma għandhiex il-kontroll fuqhom u mhix il-*forum* idoneju li tisma' u tiddeċiedi.

»… … …

»Għalhekk il-qorti tqis illi s-soċjetajiet rikorrenti għandhom raġun fit-talba għar-revoka u kwindi din il-qorti qed tirrevoka l-mandat ta' qbid 1704/2019 billi ma għandhiex ġurisdizzjoni territorjali fuq l-oġġetti mertu tal-mandat. Spejjeż għas-soċjeta *eHealth Limited*.«

4. L-appellanti appellat b'rikors tal-10 ta' Marzu 2020 li għalih l-intimati wieġbu fis-27 ta' Mejju 2020 u ressqu eċċezzjoni ta' nullità tal-appell għal raġunijiet li fissruhom hekk:

»a. illi d-digriet huwa *res judicata cioè* finali u definittiv *ai termini* tal-artikolu 836(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jenfasizza li "Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu(1)";

»b. illi, mingħajr preġudizzju għar-raġuni hawn fuq imsemmija, anki jekk is-soċjetà appellanti *eHealth* setgħet tappella (li ma setgħetx tagħmel f'dan il-każ), din l-onorabbli qorti mhijiex il-qorti kompetenti biex tisma' dak l-appell minn dak id-digriet. Din hija *in linea* ma' sentenzi preċedenti ta' din l-onorabbli qorti.«

5. Dan il-provvediment tallum huwa dwar din l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell.

6. Ir-rikors tal-intimati sar kemm taħt l-art. 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kemm fuq il-premessa ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni. L-ewwel qorti ma qisitx it-talba taħt l-art. 836(1) għax, ladarba

laqgħetha fuq il-premessa ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ma baqax meħtieġ li tqis ukoll it-talba taħt dik id-disposizzjoni. Għalhekk id-dikriet appellat ma huwiex "dikriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu(1)" tal-art. 836, u ma jintlaqatx bl-art. 836(5) li ma jippermettix appell minn dikriet bħal dak.

7. Madankollu d-dikriet huwa wieħed minn dawk li fil-ġurisprudenza jitqiesu "li la huma definittivi u lanqas interlokutorji" [2]:

> »… … …jezistu digrieti … li la huma interlokutorji u lanqas definitivi u li l-leġislatur ma pprovda xejn dwar kif għandhom jiġu impunjati. Però, skond il-prattika inveterata tat-tribunali tagħna, l-impunjazzjoni ta' dawn it-tipi ta' digrieti ssir permezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti, quddiem l-istess qorti li tkun emanat id-digriet. Meta eventwalment dik il-kawża tiġi deċiża, is-sentenza tkun tista' tiġi appellata b'appell ordinarju quddiem il-Qorti tal-Appell.«[3]

8. Għalhekk igħidu sew l-intimati illi l-kontestazzjoni tal-provvediment appellat ma kellhiex issir b'appell quddiem din il-qorti.

9. Ir-rikorrenti iżda tgħid illi l-provvediment kien ukoll dwar ġurisdizzjoni, jew kompetenza, u l-art. 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili igħid illi jista' jsir appell minn kull sentenza fuq kompetenza:

> »**234.** … … …minn kull sentenza mogħtija minn kull qorti fuq il-kompetenza tagħha li tieħu konjizzjoni mill-kawża, jista' jsir appell; u l-qorti tista' twaqqaf is-smigħ tal-kawża sakemm jinqata' dak il-punt fil-qorti fi grad ta' appell, meta ebda waħda mill-partijiet ma tipprova lill-qorti li t-twaqqif tas-smigħ tal-kawża jista' jkun ta' ħsara għaliha.«

10. Il-provvediment appellat ma kienx sentenza u għalhekk ma jintlaqatx bl-art. 234. Strettament, lanqas ma kien "fuq il-kompetenza [tal-qorti] li tieħu konjizzjoni mill-kawża". L-ewwel qorti ma qalitx li ma kellhiex

---

2 Ara *e.g.* Josephine Azzopardi *v.* Angelo Farrugia *et*, App. 27 ta' Marzu 2020, u l-ġurisprudenza hemm ċitata.

3 Paul Tanti *et v.* Sammy Mifsud *et*, App, 19 ta' Novembru 2001.

kompetenza tordna l-ħruġ tal-mandat iżda biss li l-esekuzzjoni ma kellhiex isseħħ fuq beni li jkunu barra l-ġurisdizzjoni[4].

11. Il-qorti ma tarax għalhekk illi l-appell tallum huwa wieħed li seta' jsir taħt l-art. 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

12. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' nullità, tgħid li l-appell ma jiswiex u ma tqisux aktar.

13. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom l-appellanti.

| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
mb

---

[4] Strettament għalhekk l-ewwel qorti ma kellhiex tħassar il-mandat iżda biss l-esekuzzjoni tiegħu, iżda din hija materja li tolqot il-meritu u għalhekk mhux ta' relevanza għal dan il-provvediment tallum.